MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Numru. 582/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**

**VS**

**Briegel Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 430884M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Briegel Micallef** li gie akkuzat talli nhar il-5 ta' Gunju, 2006 u matul dawn l-ahhar xahar qabel din id-data, gewwa Haz Zebbug, u bnadi ohra f'Malta, f'hinjiet differenti:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ikkommetta dan ir-reat, fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom.

Rat kemm l-Ordni tal-Avukat Generali, kif ukoll il-Kontro Ordni a folio 466.

Semghet ix-xhieda prodotti, u rat l-atti kollha tal-kawza.

L-**Ufficjal Prosekutur Nezren Grixti** xehed dwar l-operazzjoni ta' sorveljanza maghmula mill-Iskwadra ta' Kontro d-Droga li wasslet biex jinqabd u konsegwentement jitressaq Briegel Micallef. Qal illi fil-fatt fil-5 ta' Gunju, 2006, il-pulizija ntensifikat l-osservazzjoni li kienet qed taghmel fuq l-imputat in kwantu ghal informazzjoni dwar pussess ta' raza tal-cannabis. Qal illi ghall-habta tat-8.00pm tal-istess gurnata,

raw li waqfet karozza ABG497 hdejn ir-residenza tal-imputat Winter Cherry, 20, Triq John Zammit, Zebbug. Qal illi gie nnutat li harget persuna maskili minn din il-vettura u flimkien mal-imputat dan nizel fil-garaxx li kien mar-residenza msemmija. Dawn gew osservati johorgu minn gol-garaxx b'dan illi l-persuna li kienet ma' Briegel kellha xi haga f'idejha – din il-persuna kienet certu Nicholas Abela Ayling. Qal l-Ispettur illi dan gie mwaqqaf vicin ir-residenza tal-imputat fi Triq A Aquilina, Zebbug. Dan gie misjub fil-pussess ta' zewg sapuniet tal-cannabis li kienu jammontaw ghal circa hames mitt (500) gramma.

Aktar tard qal illi l-pulizija nnutat illi rat lil Briegel Micallef jerga' jidhol bil-girja lura lejn ir-residenza tieghu. Qal illi meta fil-fatt saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, ma nstab xejn illegali ghandu, hlief rollijiet tal-foil tal-aluminium, kif ukoll diversi kwarti tal-U-Bet li skondtu kienu mferrxa fil-garaxx. Ittiehdet stqarrija minghandu li fil-fatt giet ezebita minnu bhala Dok NG1. Dwar dan saret Inkjesta.

In kontro ezami saret referenza ghall-istqarrija fejn Briegel Micallef jghid illi hu ma ghamilx qliegh tal-cannabis. Kien ser ihallas mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00) u taha lil Nicholas Abela Ayling l-istess somma. Zied illi l-imputat kien qallu li ma ridx jaghmel qliegh ma' Ayling stante li kien habib tieghu.

Zied aktar tard, dejjem in kontro ezami, u qal illi kemm l-imputat kif ukoll certu Nicholas Abela Ayling tressqu l-Qorti akkuzati fuq l-istess kaz, pero b'akkuzi separati. Qabel ukoll illi d-droga koncernata giet misjuba ghand Abela Ayling. Qabel ukoll illi fir-residenza tal-imputat ma nstabet ebda droga, pero zied illi kien hemm affarijiet ohrajn relatati.

Qal illi qabel dawn il-kawza li semma', qabel kien gie mitkellem l-ewwel Briegel Micallef.

Qal illi hareg ic-charges kontra l-imputat mhux biss a bazi ta' dak illi kien qallu Abela Ayling, imma a bazi ta' dak illi raw il-pulizija waqt l-osservazzjoni, kollox inkluz.

Iddikkjara li Abela Ayling, ovvjament fil-proceduri tieghu, kien ibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar tard, dejjem rega' in kontro ezami, qabel illi fil-konfront tal-imputat ma saret ebda 'controlled delivery'.

Fl-ahhar kontro ezami li sarlu (seba' (7) snin wara li kien fil-fatt xehed), ikkonferma, meta ghamel referenza ghax-xhieda precedenti tieghu, illi humu bhala pulizija kienu fuq il-post qabel il-hin tat-8 ta' filghaxija.

Xehdu pulizija ohra li kienu nvoluti f'din l-osservazzjoni, tfittxija u arrest.

Minn naha tieghu **PC 599 Clive Mangion** xehed dwar vettura Opel Corsa li kienet ipparkjata gewwa John Zammit Street gewwa Haz Zebbug, kellha numru ta' registrazzjoni ABG497. Qal illi wara tfittxija f'din il-vettura, instabu zewg blokok tar-raza tal-cannabis imremblin go karti tal-U-Bet, kif ukoll bicctejn raza tal-cannabis imremblin go foil - dawn tal-ahhar gol-ashtray tal-vettura. Qal illi s-sewwieq kien certu Nicholas Abela Ayling li kien skondtu kkollabora mal-pulizija, qallhom illi s-sustanza kien tahielu l-imputat.

Zied illi waqqfu lill-imputat ftit ‘l isfel mid-dar tieghu. Ikkonferma li t-tfittxijiet kemm f’daru u fil-vettura tieghu taw rizultat negattiv. Zied ukoll illi fil-basement tad-dar instabu romblu tal-foil kif ukoll karti tal-U-Bet, ghalih simili ghal dawk illi kienet imrembla fihom il-cannabis.

Ikkonferma in kontro ezami li damu fuq l-osservazzjoni circa saghtejn (2).

Minn naha tieghu **PC 108 Anthony Portelli**, ukoll ikkonferma li Abela Ayling meta nqabad ikkopera mal-pulizija dwra is-sustanza li kien ghadu kif xtara minghand l-imputat. Ikkonferma dak li gie elevat mill-garaxx tal-imputat: foil u karti tal-U-Bet. Ikkonferma li ghand Briegel pero ma nstabet ebda sustanza llecita.

In kontro ezami kkonferma rega’ li l-osservazzjoni kienet qed issir xit-tmienja ta’ filghaxija (8.00pm). Ikkonferma li fuq il-post kien mal-Ispettur Grixti.

Ix-xhud principali f’dan il-kaz kien **Nicholas Abela Ayling**. Dan ittella’ jixhed diversi drabi u anke bhall-Ispettur sarulu varji kontro ezamijiet. L-ewwel haga li sirna nafu hija li dan Abela Ayling kien fil-fatt irrilaxxa stqarrija guramentata. Spjega li l-Gimgha, 5 ta’ Gunju (xehed fis-sena 2006), mar ghand Briegel, gab xi sustanza u gie arrestat.

Qal illi lil Briegel kien jafu ghax qabel kien jahdem ma’ missieru. Iltaqghu t-tnejn go hanut fuq xoghol ta’ salesman, kienu bdew ipacpcu fuq il-marijuana stante li hu – ix-xhud, beda jghid lill-imputat li kellu bzonn. Xehed illi dan Briegel offrielu li jmur ghandu u jaghtieh ghall-prezz ta’ mitejn u

tmenin Lira Maltin (Lm280.00). Qal illi hekk gara – tahomlu u hareg ‘il barra. Kif dar il-kantuniera gie arrestat.

Qal illi meta ltaqghu fil-hanut l-imputat kien staqsieh hu kinx ihawwad. Xehed illi kien wiegbu li ma setax isib dak iz-zmien. Qal illi hu lil Briegel gieli cempillu qabel fuq xoghol mhux fuq droga. Qal illi ghamel kuntatt mieghu mill-Gimgha sat-Tnejn biss, cioe’ sakemm ghaddiet ghandu d-droga. Xehed ukoll illi qabel dan, Micallef kien tah bicctejn sustanza biex jippruvaha. Dawn skondtu tahomlu d-dar tieghu. Qal illi mbaghad kien cempillu u qallu li kien ser jaghtieh b’mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00). Qal illi kien jaghmel erba’ (4) xhur ipejjep minnha.

Spjega li originarjament kienu ltaqghu gewwa l-hanut “Sweet Tooth” go Birkirkara. Ma kinux miftehmin, iltaqghu hemm it-Tnejn fuq xogholhom ta’ salesman. Zied illi l-bicciet ta’ droga li tah Briegel biex jipprova ma kinx hallas ghalihom.

In kontro ezami qabel illi hu ma kinx qal lill-pulizija li kien ilu jpejjep marijuana. Zied illi hu kixef biss lil Briegel ghax inqabad mill-pulizija.

Insista li s-sapuniet li kien xtara kienu shah, ma kellhomx bicca nieqsa, ghalhekk is-sample lilu moghti minn Briegel ma kinx ittiehed mis-sustanza li xtara, tant illi qal li dan is-sample instab ghandu fil-karozza. Baqa’ nsistenti li s-sapuniet ma kellhomx infatti bicca nieqsa. Ma kinx jaf minn fejn kienu gew dawn is-sapuniet.

Gie suggerit lilu mill-Avukat Difensur, u cioe’ li kien hu li talab lil Briegel Micallef jaghmillu pjacir u jmur Birkirkara hdejn certu hanut, isegwi karozza biex minn hemm jigbor xi

droga, cioe' z-zewg sapuniet. Anke kellu dan Briegel ihallas dawn iz-zewg sapuniet li jkunu xtara ghalih.

Dan cahdu kategorikament.

Qal illi kienet l-ewwel darba li hu kien xtara droga minghand Briegel.
Zied illi hu kien ftiehem ma' Briegel li jixtri d-droga minghandu, ried sapuna wahda, pero stante li l-prezz kien tajjeb ha tnejn. Ghalhekk ftehmu ghat-Tnejn fit-tmienja ta' filghaxija (8.00pm).

Dwar il-kuntatt ta' bejniethom meta mar jigbor id-droga, spjega li hu waqaf quddiem id-dar taghhom, nizel fil-garaxx. Briegel tah id-droga u telaq. Qal illi Briegel hareg id-droga minn go banju fejn il-familja tieghu kienu jaghmlu c-cirasa fih, liema banju kien fil-garaxx. Qal illi dan kien tah id-droga u hu telaq. Xehed ukoll illi hu ma' Briegel kien ilu ma jiltaqa' qabel ma rah gewwa "Sweet Tooth". Tah dan Briegel anke t-telephone number tieghu. Qal illi hu lil Briegel kien cempillu fuq in-numru tac-cellulari 99895117 u li c-cellulari tieghu kellu n-numru 79933821.

Stqarr u xehed ukoll illi hu ma kinx jaf minn fejn kien gab id-droga l-imputat.

Zied ukoll illi ghalkemm waqt l-investigazzjoni Briegel kien akkuzah bi traffikar, dan hu baqa' jinnegah.

Mistoqsi in kontro ezami ghalfejn jekk gie moghti s-sample il-Gimgha, dam biex jixtri sa nhar it-Tnejn, wiegeb illi dan gara ghax hu ried jipprova d-droga. Mistoqsi jekk hu tax struzzjonijiet lill-imputat kemm ried droga, wiegeb:

"*Mhux tajtu instructions. Ghax qalli kemm trid, ghidtlu wahda. Imbaghad kif konna qed nitkellmu, ghidtlu gibli tnejn. Imbaghad it-Tnejn cempilli u qalli fit-8.00pm ejja u mort ghalihom.*" (folio 213).

Qal illi hu ma kinx mignun, ma kinx informa lill-pulizija b'dan, anzi qal illi l-pulizija lilu kienu qalulu li kienu ilhom isegwuh mill-Hamis. Qal illi l-garaxx minn fejn l-imputat tah id-droga ma kinx hanut, kienu biss jahdmu c-cirasa go fih.

Ikkonferma wkoll illi qabel, meta hu u l-imputat kienu jahdmu flimkien fin-negozju tal-familja tal-imputat, gieli kienu jpejpu flimkien. Innega li kien hu li dak iz-zmien kien jaghti d-droga lill-imputat.

Rega' sarlu kontro ezami iehor aktar tard fil-proceduri, issa fis-sena 2014. Gie suggerit lilu li fit-2 u t-3 ta' Gunju, huwa kien cempel lil Briegel ghal almenu hdax(11)-il darba – wiegeb illi hu ma kinx jiftakar, pero xehed li jista' jkun li kien cempillu ripetutament. Lanqas ftakar x'baghtlu messaggi. Innega li kien hu li baghat lil Briegel ghad-droga. Qal illi pero biex jixtri jcempel ried.

Minn naha taghhom l-esperti nominati, kemm fl-Inkjesta kif ukoll fil-Kumpilazzjoni, ezebew ir-relazzjonijiet taghhom.

Ghalhekk fir-relazzjoni ta' **PS 644 Evan Camilleri u PC 186 Kristian Mintoff** gew ezebiti r-ritratti tad-droga misjuba, il-karti li kienet imgezwra fihom, il-karti u l-foil li nstabu fil-garaxx tal-familja tal-imputat.

**PS 1374 Edgar Dalli** minn naha tieghu ezebixxa l-lifters tal-imputat, digitali misjuba.

Ghalhekk il-Qorti hatret ghal dan l-iskop lil **Joseph Mallia** biex jikkompara l-istess ma’ dawk tal-imputat. Aktar tard, fuq talba tad-Difiza, sar anke ezami fuq l-impronti digitali tax-xhud Nicholas Abela Ayling.

Xehed ghalhekk is-**Sur Mallia** li mill-ezamijiet li kien ikkonduca, kellu rizultat negattiv fil-konfront tal-imputat (folio 243, Dok JM). Minn naha l-ohra kien irrizultalu, meta ghamel l-ezamijiet ma’ dawk tax-xhud Nicholas Abela Ayling, rizultat fin-negattiv, fis-sens illi print wahda kienet taqbel mas-subgha l-werrej tal-id il-leminija ta’ dan ix-xhud.

Il-**Perit Valerio Schembri** kien minn naha tieghu, ikkonkluda illi:

“*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi parti mir-recint tal-Playing Field fi Triq Pietru Buttigieg, Zebbug (Malta), taqa’ fid-distanza ta’ mitt metru (100.0m) mill-post indikat lill-esponent mill-Ispettur Nezren Grixti.*”

**Dr Martin Bajada**, ezebixxa minn naha tieghu r-relazzjoni tal-ezami tal-kontenut tac-cellulari tal-imputat, Dok MB folio 59; kif ukoll dokument iehor a folio 134, illi juri t-telefonati kollha li saru u rcieva l-istess imputat.

L-**Ispizjar Mario Mifsud** prezenta r-relazzjoni tieghu fejn ikkonkluda:
“*Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba, l-Esponent l-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud, jista’ jikkonkludi li l-erba’ blokki ta’ sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 464/06/01, f’ammont nett totali ta’ 492.229 grammi, kienu r-raza tal-*

*pjanta tal-Cannabis. F'dawn il-blokki ta' sustanza kannella nstabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'ammont ta' circa 8.32%. Ir-raza tal-pjanta tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Ta aktar tard anke l-valur ta' din id-droga, ghal circa tliet elef mija u hamsa u hamsin Ewro (€3,155), (Dok MM1 folio 443).

Kif gia' qalet il-Qorti l-imputat irrilaxxa stqarrija – dan fis-sena 2006, allura fuori l-possibilita' li jkollu assistenza legali. L-imputat hawn kellu l-eta' ta' wiehed u ghoxrin (21) sena. Kellu fedina penali ghal kollox netta.

F'dan ir-rigward jigi premess illi ghandna varji decizjonijiet mill-Qrati taghna dwar l-ammissibilita' ta' tali stqarrija, u l-ezami li ghandu jsir tac-cirkostanzi li fiha giet rilaxxata, stante li ttiehdet minghajr id-dritt ta' assistenza legali.

*A priori* ghandu jinghad illi kif ser jirrizulta minn dak illi qal l-imputat viva voce, huwa donnu nesa ghal kollox dak illi kien qal a tempo vergine fl-istqarrija tieghu. Anzi l-linja difensjonali tieghu hija tali li l-imputat quddiem din il-Qorti biddel ghal kollox il-verzjoni tieghu, u issa jghid illi hu d-droga gie mibghut igibha minn Ayling innifsu.

L-imputat fil-mori tal-proceduri attakka din l-istqarrija, biss lejn l-ahhar meta ddecieda li jerga' jitla' jixhed. Anzi donnha din giet ghal kollox minsija. Issa l-Qorti, considerando l-eta' tal-imputat, cioe' wiehed u ghoxrin (21) sena, considerando li gia' kien espost ghal post ta' xoghol, mhux tifel; ma tqisx illi kien f'xi stat ta' vulnerabbilita' meta gie mitkellem mill-pulizija.

Oltre dan, u l-Qorti ser tezamina dan fi stadju ulterjuri, viva voce xorta jammetti - jekk wiehed jaghzel illi jemmen din it-tieni verzjoni, illi hu attwalment mar jigbor id-droga ghal Abela Ayling, dan dejjem fil-kuntest ta’ kif il-Ligi taghna tiddefinixxi t-trafffikar.

Tqis ghalhekk il-Qorti l-istqarrija bhala wahda ammissibbli, u ghalhekk tghaddi biex tezamina l-istess.

Qal fiha li hu kien guvni jghix ma’ ommu u missieru. Dwar id-droga li kienet fil-pussess tieghu, il-Gimgha, 2 ta’ Gunju, 2006, spjega li din giet fil-pussess tieghu u hallas ghaliha mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280.00). Kienet tikkonsisti f’zewg sapuniet. Zied illi xtrahom bi skop illi jbieghhom. Qal illi kien ghadu ma hallasx is-somma ta’ mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00). Lanqas xi hlas bil-quddiem.

Kompla jghid illi minghand il-fornitur - li ma ridx isemmi min kien, kien xtara xi tliet (3) darbiet - xi xahar qabel bicca ta’ ghaxar Liri Maltin (Lm10.00) u darb’ohra bicca ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00).

Ammetta li kellu habit ta’ smoke u xejn aktar, kien johodha darba kultant. Spjega li l-ahhar li kien ghamel uzu mill-ismoke kien jumejn (2) qabel gol-pjazza ta’ Haz Zebbug.

Ammetta li kien biegh lil Nicholas Abela Ayling zewg (2) sapuniet ghall-prezz ta’ mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00). Qal illi hu ma kien jaqla’ xejn minn dan il-bejgh ghax kien habib tieghu. Zied illi hu qatt ma kien biegh droga lil hadd qabel. Zied ukoll illi hu kif ircieva l-flus minghand Ayling kien sejjer ihallas lill-fornitur tieghu.

Qal illi hu u Nicholas kienu tkellmu qabel, fejn Nicholas kien talbu jinfurmah jekk ikun jaf b'xi hadd li kellu l-cannabis. Hekk gara, u Nicholas kien ikkonferma li hu ried jixtri. Qal illi kienu jcemplu lil xulxin, in-numru tieghu kien 99895117 u dak ta' Nicholas 79933821.

Qal ukoll illi qabel lil Ayling kien tah bicca blokka mix-xoghol li kellu - dak fejn xtara b'ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00), li kien xtara gimaghtejn (2) qabel.

Spjega li kien zamm is-sapuniet gewwa l-garaxx fejn kien hemm il-banju.

Qal illi barra li gab id-droga li nsabet ghand Nicholas, kien hu li hbieha. Qal illi kien Nicholas stess illi kien dawwar id-droga bil-karti tal-U-Bet li hu kellu fil-garaxx mal-art.

Ikkonferma li wara l-bejgh hu kien sejjer jiltaqa' mat-tfajla tieghu go Haz Zebbug. Induna li kien hemm il-pulizija fuq il-post, ghalhekk rega' dar lura lejn i-ddar u mar jarmi bicca smoke li hu kellu fil-kamra. Ramieha fit-toilet. Telaq jigri anke gol-garaxx biex jivverifika li ma kinx hemm xi haga hemm warajh. Kien hawn li marru l-pulizija fuqu.

Qal illi hu kien biddel il-qalziet quddiem il-pulizija u kien halla l-flus hemm.

Dwar il-foil u l-karti tal-U-Bet, spjega li dawn kien juzahom biex jaghmel xi dekorazzjonijiet ghal gewwa l-Amazonia.

Aktar tard, kif gia' inghad, l-imputat minn naha tieghu ghazel li jiehu l-pedana darbtejn (2). L-ewwel darba qal u rega'

kkonferma li lil Ayling kien jafu meta kien lavrant ma' missieru. Kien l-istess missieru li kien keccieh mill-impjieg. Qal illi hawn kien qata' l-kuntatt minn mieghu. Qal illi ltaqa' mieghu xi tlitt (3) snin wara, u hawn bdew jitkellmu, kienu t-tnejn go hanut ibieghu. Tah in-numru cellular tieghu. Cempillu, mar hdejh il-garaxx u talbu dan Ayling jaghmillu pjacir. Talbu jmur igiblu bicca smoke. Accetta, ghalkemm jghid illi ghall-ewwel ma ridx. Qal illi tah direzzjonijiet biex l-ghada jmur Birkirkara hdejn il-McDonalds u hemm jiltaqa' ma' wiehed li kellu Mercedes. Hekk gara. Rah, saq warajh. Saqu lejn il-Mosta. Qal illi pparkjaw mal-hajt u li l-karozza kienet wahda skura. Qal illi marret karozza ohra mieghu, tefaghlu basket u telqu t-tnejn li huma. Hu saq lejn id-dar. Cempel lil Ayling u talbu jmur ghalihom. Qallu li kellu jmur it-Tnejn. Baghtlu t-Tnejn u anke cempillu. Zied illi dan Ayling anke baghtlu messagg filghaxija, fejn qallu biex imur hdejn il-garaxx tad-dar tieghu. Jghid illi mar ghas-sustanza u hawn Ayling tah b'mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00) u tah direzzjoni biex jerga' jmur jaghmel l-istess haga halli jhallas lill-fornitur. Zied illi Ayling telaq u li hu kien sejjer il-festa ta' Haz Zebbug, pero waqqfuh il-pulizija.

In kontro ezami wiegeb illi hu kien mar jixtri biex jaghmel pjacir lil Ayling. Qal ili gabar zewg sapuniet li tefagghhomlu mit-tieqa tal-karozza u telaq.

Insista li xi hadd kien allura tah kwantita' ta' droga bla ma talabhielu u bla ma tah flus.

Aktar tard rega' ha l-pedana. Ilmenta issa li meta ttehditlu l-istqarrija ma kinx gie moghti d-dritt tal-Avukat. Qal illi l-Ispettur beda jtellghu u jnizzlu, u jistaqsieh fuq il-bejgh tad-droga lil Ayling. Qal illi bdew igieghluh jammetti li d-droga

kienet ghandu – hawn kien qed jaghmel referenza ghal Abela Abyling, cioe' li kien ix-xhud li kien qed igieghlu jammetti li d-droga kienet ghandu. Anzi kompla zied li l-istess Abela Ayling meta bdew jiltaqghu barra l-ufficju tal-Ispettur, stante li bejniethom bdew isiru anke konfronti, beda iheggu jghid li d-droga vera kienet ghandu biex ifittxu jitilqu 'l hemm.

Dwar il-kontenut tal-istqarrija issa qal illi qal dak li qal dakinhar li ttiehdet l-istqarrija ghax hu kien imhawwad u ma bedix jghid il-verita'. Qal illi l-istorja vera kienet li kien Ayling li baghtu ghad-droga. Qal illi meta Ayling mar il-Hamis il-garaxx kien talbu jgiblu biss bicca smoke zghira tat-ten (10).

Qal illi dwar id-droga kien Ayling li beda jcempillu darba li din kienet ghandu. Anke kien baghtlu messaggi biex johrog hdejn il-garaxx.

Qal illi hu kien gie moghti d-droga go basket u hekk hallieha. Qal illi kien Ayling li kien qabadhom u kebbibhom gol-karti tal-U-Bet.

Mistoqsi dwar il-garaxx ta' taht id-dar, wiegeb illi dan kien dejjem gej u sejjer xi hadd fih, li kien juzah kulhadd fil-familja.

Qal illi d-droga hu kif ircevieha hallieha, qatt ma messha. Hallieha gol-banju gol-imbarazz. Innega li hu ta xi samples lil Auyling. Innega li hu qatt qata' xi bicca mis-sapuniet.

Dwar il-karti xehed illi kien juzahom ghall-Karnival u afffarijiet hekk relatati.

Qal illi Ayling kien jaf fejn kien il-garaxx taghhom ghax qabel kien jahdem maghhom, u li kien tkecca ghax kien traskura.

Dwar il-mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00) issa qal illi dawn kien tahomlu Ayling, u kien baghtu fl-istess post fejn kien mar l-ewwel darba jigbor id-droga.

In kontro ezami wiegeb illi hu u Ayling ma kinux hbieb ghax kien jigi ferm ikbar minnu. Iddeskrivieh bhala missieru fl-eta'. Qal illi Ayling kien ghallmu jahdem u jigri gol-hwienet.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni ghala allura Ayling kellu ghalfejn juza terz bejnu u bejn il-fornitur, wiegeb illi ghaliex kien anke miksur mieghu.
Mistoqsi jekk kinx jafda lil Ayling daqshekk minhabba l-flus, wiegeb illi hu kellu jgiblu biss bicca ta' tnejn.

In difesa xehed ukoll certu **Mark Micallef**, iz-ziju tal-imputat. Ftakar illi dakinhar li ngabar Briegel, bejn il-5.30pm u s-6.00pm kien qed jaghlaq il-fabbrika u mar fuqu certu Briegel li kien jahdem ma' missier Briegel. Dan qal lil dan ix-xhud illi kellu l-ghassa wara l-bieb.
Qal illi fuq hekk hares u ra karozza hamra.

**Antoine Schembri**, li kien jahdem ma' missier l-imputat gie muri ritratti gia' ezebiti fir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada a folio 93, ir-ritratt bin-numru 009. Mistoqsi dwar it-tipjip li jidher f'dawn ir-ritratti, stqarr illi dawk impejpja kienu sigaretti normali.
In kontro ezami rrisponda, anke meta saritlu referenza ghar-ritratti l-ohra, senjalament dak immarkat 001, dejjem fl-istess

relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada, illi l-persuna li kien jidher f’dak ir-ritratt kien certu Heathcliff.
Suggerit lilu li fil-fatt dak kien anzi l-imputat stess. Issa wiegeb illi verament kien l-imputat.
Mistoqsi x’kien qieghed isir allura f’dik l-okkazjoni, wiegeb illi kienu qed ipejpju sigarett.

Certu **<u>Heathcliff Cilia</u>** minn naha tieghu xehed, muri wkoll ritratti mir-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada, illi hemm jidher li kien qieghed ipejjep sigaretti tal-brim. Qal illi dawn is-sigaretti kienu tat-tabakk normali. Qal illi f’ritratti ohrajn jidher l-imputat li wkoll kien qieghed ipejjep, dejjem sigaretti tal-brim.
Mistoqsi dwar ir-ritratt numru 9, issa l-ewwel wiegeb illi dan kien ilu, u mitlub iwegeb id-domanda qal li ma kinx jaf ghax kien ilu.

Maghluqa l-provi tad-Difiza, il-Qorti ghaddiet biex tisma’ t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Mela certament u bla dubbju, jghidu x’jghidu l-imputat u x-xhud principali Nicholas Abela Ayling, l-istess xhud inqabad fil-pussess tad-droga kif gia’ deskritta. Minn naha l-ohra, ex admissis dan, hemm certezza li l-imputat mar hu jgib id-droga minghand persuna mhux maghrufa, dejjem l-istess droga li nstabet ghand Ayling.

Ikkunsidrat ukoll:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tibda biex terga’ taghmel referenza ghal dak illi gia’ qalet dwar l-ammissibilita’ tal-

istqarrija. Terga’ tirritjeni li Briegel Micallef kellu l-eta’ ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena, mica tifel zghir fid-dinja tal-lum. Bniedem li jahdem, isuq, imur il-festi, jahdem bi qliegh! Verament kien izghar mix-xhud Abela Ayling, bil-bosta snin, b’daqshekk biss ma jfissirx illi hu kien vulnerabbli u sofra minn taht idejn dan xi tip ta’ ‘*bullying*’, tant illi gie mgieghel jammetti. Tfakkar il-Qorti li konfronti bejn ko-investigati jsiru ta’ spiss mill-pulizija tul varji nvestigazzjonijiet. Harsa lejn l-istqarrija turi li Briegel Micallef wera li fehem sew il-kawtela li tatu l-Prosekuzzjoni, tant illi mistoqsi minn fejn kien jixtri d-droga, ghazel illi ma jikxifx. Minn jeddu anzi jghid illi hu mill-istess ‘*source*’ kien anke xtara qabel, darbtejn ohra. Tistaqsi l-Qorti allura kien anke mgieghel minn Ayling jghid li kien xtara darbtejn (2) qabel? Allura fil-ftit hin li setghu jitkellmu tul l-investigazzjoni Ayling anke dan gieghlu jghid?? Cioe’ gieghlu anke jammetti xiri precedenti??

Din il-Qorti terga’ tirritjeni li anke a skorta ta’ varji decizjonijiet gia’ moghtija mill-Qrati taghna, li kkristallizzaw il-posizzjoni legali dwar dan, tqis illi l-imputat ma sofra ebda pressjoni, theddid jew influwenza fit-tehid tal-istqarrija, per konsegwenza lanqas tqis illi kien vulnerabbli waqt it-tehid tal-istess, u ghalhekk tqisha bhala prova ammissibbli (ara sentenza Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Robert Busuttil”, datata 20 ta’ Frar, 2014; u “Il-Pulizija vs Paul Cutajar” datata 18 ta’ Gunju, 2013.

Punt iehor ferm interessanti li qajmet id-Difiza hija l-allegazzjoni ta’ entrapment.

Verament din l-operazzjoni saret fuori ‘*controlled delivery*’ ghalhekk mhux taht il-kappa tal-Magistrat Inkwirenti. Din l-operazzjoni nhadmet billi l-pulizija bdiet taghmel certi

osservazzjonijiet fuq persuni suspettati - dan setghet legalment taghmlu. Minn tali osservazzjonijiet, Ayling jghid illi kien ilu jigi segwit minn qabel. Il-pulizija osservat lil Ayling johrog b'oggett mill-garaxx ta' Micallef. Huwa biss meta gie mwaqqaf Ayling li gie skopert Micallef, u dan dejjem rizultat ta' osservazzjoni legittima tal-pulizija.
Lanqas oltre hekk, ma ngabet ebda prova li kien hemm xi ftehim bejn Ayling u l-pulizija, ftehim biex jigi '*entrapped*' l-imputat. L-unika hjiel ta' dan, jekk hjiel jista' jissejjah, hija x-xhieda taz-ziju tal-imputat Mark Micallef, illi jghidilna li meta Ayling mar hdejn ir-residenza tal-imputat, qal liz-ziju li kien hemm il-pulizija ghassa. Nonostante cio' pero, dan prosegwa biex jigbor ammont sostanzjali ta' droga, bil-konsegwenza li dan jirrispondi ghal akkuzi kriminali, bl-akkuzi ta' import serju u konsegwenzi mhux negligibbli. Dan skont id-Difiza suppost gara ghaliex missier l-imputat kien kecca lil Ayling mix-xoghol – allura forsi bhala tpattija. Tfakkar il-Qorti, illi mill-provi jirrizulta biss li meta ltaqghu l-imputat u Ayling gewwa l-hanut 'Sweet Tooth', dawn it-tnejn jaqblu li tkellmu bla problemi. Ma jidhirx illi kien hemm ebda animosita' bejniethom kif kien u gie suggerit mid-Difiza, tant dan illi l-imputat *ex admissis* jghid ukoll illi minn jeddu ta n-numru tac-cellulari tieghu lil Ayling.

Dwar din l-allegazzjoni ta' 'entrapment', il-Qorti rat b'interess id-decizjoni ezebita mid-Difiza, dik moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-ismijiet "*Furcht vs Germany*", deciza nhar il-25 ta' Ottubru, 2014.
Il-Qorti hawn qalet:

"*51. The Court has found, in that contract, in particular, that the national authorities had had no good reason to suspect a person of prior involvement in drug trafficking where he had*

*no criminal record, no preliminary investigations had been opened against him and there was nothing to sugget that he had a predisposition to become involved in drug dealing until he was approached by the police (see Teixeira de Castro, cited above, 38: confirmed in Edwards and Lewis, cited above, 46 and 48; Khudobin, cited above 129; Ramanauskas, cited above 56; and Bannikova, cited above 39; see also Pyrgiotakis, cited above 21). In addition to the aforementioned, the following may, depending on the circumstances of a particular case, also be considered indicative of pre-existing criminal activity or intent: the applicant's demonstrated familiarity with the current prices for drugs and ability to obtain drugs at short notice (compare Shannon vs The United Kingdom (dec.) no. 67537/01, ECHR 2004-IV), and the applicant's pecuniary gain from the transcation (see Khudobin, cited above, 134, and Bannikova, cited above, 42).*

*52. When draing the line between legitimate infiltration by an undercover agent and incitement of a crime the Court will further examine the question whether the applicant was subjected to pressure to commit the offence. In drug cases it has found the abandonment of a passive attitude* ***by the investigating authorities to be associated with such conduct as taking the initiative in contacting the applicant, renewing the offer despite his initial refusal, insistent prompting, raising the price beyond average or appealing to the applicant's compassion by mentioning withdrawal symptoms*** *(see, among other cases, Bannikova, cited above, 47; and Veselov and Others vs Russia, nos 23200/10, 24009/07 and 556/10, 96, 2 October, 2012).*(enfasi tal-Qorti)

*53. When applying the above criteria, the Court places the burden of proof on the authorities. It falls to the prosecution to prove that there was not incitement, provided that the*

*defendant's allegations are not wholly improbable. In practice, the authorties may be prevented from discharging this burden by the absence of formal authorisation and supervision of the undercover operation (see Bannikova, cited above 48). The Court has emphasised in that context the need for a clear and foreseeable procedure for authorising investigative measures, as well as for their proper supervision. It considered judicial supervision as the most appropriate means in case of covert operations (see Bannikova, cited above, 49 – 50; compare also Edwards and Lewis, cited above 46 and 48).*"

Il-Qrati Taghna dwar dan ukoll kellhom l-opportunita' li jesprimu ruhhom fuq il-punt ta' entrapment. Taghmel referenza hawn il-Qorti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Nru 187/2001, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Ronald Psaila", senjalament dwar dan il-Qorti qalet hekk:
"
*L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa gie istigat mill-istess Pulizija Ezekuttiva sabiex huwa jaghmel reat. Huwa jikkontendi li f'dan il-kaz kien hemm l-uzu ta' agent provocateur (fil-persuna tal-Ispettur Harrison). L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena, u jikkontendi li "ma jaghmilx sens li wiehed jigi gudikat u sentenzjat fuq kommissjoni ta' reat provokat mill-istess Pulizija Ezekuttiva u fuq montatura. Jekk dan ikun il-kaz [il-]Pulizija Ezekuttiva a skorta (sic!) ta' din is-sentenza tista' tibda ccempel lin-nies kollha li jiehdu d-droga, tinstighom similment jipprokuraw id-droga u mbaghad tressaq lil kullhadd il-Qorti"*

*Jibda biex jinghad, li kif tajjeb irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza ta' Gaffarena hawn aktar 'l fuq imsemmija, il-fatt li persuna tigi istigata li tikkommetti reat minn agent provokatur ma jezentax lil dik il-persuna mir-responsabbilta` kriminali:*

*"Jekk pero` huwa veru, kif inhu veru, li l-ligi taghna ma tezonerax lill-agent provokatur mir-responsabbilta` kriminali li jista' jinkorri fiha, daqstant iehor ma hemmx ikkontemplata fil-ligi taghna xi ezenzjoni mir-responsabbilta` kriminali ghal min jikkommetti reat taht l-istigazzjoni ta' agent provokatur tal-pulizija sakem ikun ippruvat li dak li jkun ikun agixxa xjentement."*

*Fi kliem iehor, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jinghad li l-appellant ikommetta xi reat bi ksur tal-Kap. 101 minhabba li gie istigat jaghmel hekk mill-Pulizija jew minn xi pulizija partikolari, dana l-fatt ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta` penali (salv, naturalment, li tali istigazzjoni ma tkunx tammonta ghal koazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali); tali istigazzjoni tista', se mai, tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Pero` fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li l-agir ta' l-Ispettur Harrison la kien jammonta ghal istigazzjoni ghal reat u anqas jista' jinghad li dan l-ispettur kien agent provokatur. Kif kienet fissret ir-Royal Commission on Police Powers tal-1928 fl-Ingilterra (Cmd. 3297), agent provokatur huwa proprjament "**<u>a person who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence". L-espressjoni "which he would not otherwise have committed" hija importanti f'dan il-</u>***

***kuntest, hu hija l-qofol fid-distinzjoni bejn l-agent provokatur jew il-persuna li jistiga l-kommissjoni ta' reat fuq naha, u l-persuna li tillixka jew tintrappola li min ikun diga predispost li jikkommetti dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-ufficjal tal-pulizija jew ta' min ikun qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-pulizija. Kif inghad fis-sentenza ta' Gaffarena (fuq l-iskorta ta' sentenza Amerikana hemm citata), "decoys are permissible to entrap criminals but not to create them***". *Fl-ahhar edizzjoni ta' Archbold jinghad hekk:*

*"**In Nottinhgam City Council v. Amin [2000] 1 Cr.App.R. 426, DC, Lord Bingham C.J., distinguishing de Castro, said it was "deeply offensive to ordinary notions of fairness" if a defendant were to be convicted of a crime which he only committed because he had been "incited, instigated, persuaded, pressurised or wheedled" by a law enforecement officer. It was, however, unobjectionable if such an officer gave a defendant an opportunity to break the law, of which the defendant freely took advantage, in circumstances where it appears that the defendant would have behaved in the same way if the opportunity had been offered by anyone else.**"* (enfasi u sottolinear tal-Qorti)

Decizjoni ohra li l-Qorti taghmel referenza ghaliha fil-konfront tad-difiza tal-entrapment hija dik gia' citata fis-"Khudobin vs Russia" gia' citata fis-sentenza tal-Qrati taghna u cioe' Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul" deciza fit-2 ta' Settembru, 2010.
Hawn il-Qrati Malta, ghamlu referenza ghal decizjoni ta' Khudobin vs Russia, u nsibu hekk:
"

*19 Il-Qorti qalet hekk: "128. At the outset, the Court would like to stress that it is not blind for the difficulties encountered by the authorities in combating serious crimes and the need for more sophisticated methods of investigation sometimes required in this context. In principle, the Court's case-law does not preclude reliance, at the investigation stage of criminal proceedings and where the nature of the offence so warrants, on evidence obtained as a result of an undercover police operation (see, for instance, Lüdi v. Switzerland, judgment of 15 June 1992, Series A no. 238). However, the use of undercover agents must be restricted; the police may act undercover but not incite (see Teixeira de Castro, cited above, § 36).*

*"129. The Court notes that the applicant was arrested and then convicted as a result of a police operation. The Court has previously considered the use in criminal proceedings of evidence gained through entrapment by State agents. Thus, in the case of Teixeira de Castro, cited above, the applicant was offered money by undercover police officers to supply them with heroin. Although having no previous criminal record, he had contacts for obtaining drugs. Tempted by the money, the applicant accepted the officers' request. He was subsequently charged and convicted of a drug offence. In finding a violation of Article 6 § 1, the Court distinguished the officers' actions in that case from those of ordinary undercover agents, who may conceal their identities in order to obtain information and evidence about a crime, without actively inciting its author to commit it. The Court noted that "while the rise in organised crime undoubtedly requires that*

*appropriate measures be taken, the right to a fair administration of justice nevertheless holds such a prominent*

*place [...] that it cannot be sacrificed for the sake of expedience"*

*(§ 36). The Court stressed a number of features in that case, in particular the fact that the intervention of the two officers had not been part of a judicially supervised operation and that the national authorities had had no good reason to suspect the applicant of prior involvement in drug trafficking: he had no criminal record and there was nothing to suggest that he had a predisposition to become involved in drug dealing until he was approached by the police (loc. cit., §§ 37-38).*

*"130. Similarly, in the recent case of Vanyan v. Russia (no. 53203/99, 15 December 2005, §§ 45-50), the Court found a violation of Article 6 § 1 arising from a simulated drug purchase which amounted to incitement and, whilst the purchase was carried out by a private person acting as an undercover agent, it had nevertheless been effectively organised and supervised by the police.*"

Considerando dak citat, jekk il-Qorti temmen dak li qal l-imputat viva voce u tqis li dik il-verzjoni hija veritjiera, tqis ukoll illi minn imkien ma jirrizulta u qatt ma gie pruvat illi huwa b'xi mod gie kostrett gew imgieghel imur jigbor id-droga ghal Ayling.
Anzi jghid hu stess illi ltaqghu b'kumbinazzjoni. Jghid hu stess illi ried jaghmel pjacir lil siehbu - dan jekk il-Qorti temmen l-aktar verzjoni favorevoli ghalih.
Ma jirrizulta minn imkien mill-atti li gie kkreat fil-konfront tieghu xi entrapment, li gie mfassal xi pjan li seta' jwasslu ghal xi ngann. Li ghamel ghamlu minn jeddu.

Fuq dak allura hawn espost, din il-Qorti ma tqisx illi tista' tilqa' l-lanjanza tad-Difiza li hawn si tratta ta' xi tip ta' '*entrapment*' mahsub mill-pulizija b'kolluzjoni ma' Abela Ayling. Ayling jirrizulta li mar ghad-droga minn jeddu, hadd ma baghtu. Lanqas ma gie ppruvat li l-pulizija b'xi mod iffavoriet lil Ayling ghax dan iffaccja akkuzi serji anke ta' pussess aggravat. Ayling zgur illi ma "*incited*" biex imur jixtri minghand l-imputat. Ma giex imhajjar li jikkometti r-reat li jmur jigbor id-droga, li jikser il-Ligi b'mod li ghamel xi haga li altrimenti, eskluza din il-pressjoni, ma kinx jaghmel. Lanqas ma sofra ebda pressjoni Briegel Micallef ghax *caso mai* minn jeddu mar jaghmel pjacir!

Punt iehor illi sahqet fuqu d-Difiza kien dak li rrizulta mir-relazzjoni (it-tieni wahda) tal-espert Joseph Mallia.
Verament fuq l-ezebit - is-sustanza misjuba, gew misjuba mpronti digitali biss ta' Ayling, xejn tal-imputat. It-tezi tal-imputat stess hija li kien l-istess Ayling illi kebbeb is-sapun go karti tal-U-Bet li minnhom kellu tant mifruxa gol-garaxx, del resto kif rifless fir-ritratti tas-SOCO prezentat.

Il-Qorti premess dan kollu, taghmel hawn ukoll referenza ghal dak illi jghid l-Artikolu 22(1)(B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minhabba t-tezi mressqa mid-Difiza li l-imputat mhux ibiegh jew pprovda d-droga lil Ayling, pero li kien ghamel, kien biss li obdieh, mar igiblu l-istess sustanza, ghamillu pjacir!!

L-Artikolu hawn fuq imsemmi jaqra hekk:

"*Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin*

*minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni fdawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta'din l-Ordinanza:*"

Bla dubbju ta' xejn l-azzjoni tal-imputat, anke kieku biss kellha temmnu – illi hu mar jaghmel pjacir lil siehbu Abela Ayling ghax gie hekk mitlub minnu, tinkwadra f'din id-definizzjoni. Illi verament tigbor droga ghal haddiehor mhi xejn hlief forma ohra ta' distribuzzjoni taghha, la fil-fatt taha lil haddiehor. Ghalhekk l-azzjoni u l-verzjoni mressqa mill-imputat bhala difiza xorta taqa' taht id-definizzjoni ta' traffikar hemm citata.

Tibqa' pero tal-fehma din il-Qorti, illi fil-fatt Briegel Micallef kellu nvolviment aktar ampju minn dak illi tela' jixhed viva voce; u kien ferm cert, car u deciz fil-fatt illi hu kien ser ibiegh id-droga lil Abela Ayling, dejjem dik illi hu xtara mis-"*soucrce*" illi kien gia' qdieh darbtejn qabel.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija, u dan wara li rat l-Artikoli 8(b), 8(a), 22(2) proviso, 22(2)(b), ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda konsegwentement tikkundannah ghal piena ta' erba' snin u nofs (4 ½) habs;

U ghal multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), konvertibbli fi priggunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-istess Briegel Micallef ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn disa' mija u sebgha u sebghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,977.95), liema spejjez humwa konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita bhala KB 318.2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------